MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 537/2004

**Alfred Farrugia u Norbert Camilleri**

**vs**

**Sara Grech Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-11 ta' Ottubru 2004 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm3,111.96c (tlett elef, mija u hdax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu), liema somma hija rapprezentanti bilanc dovut lill-atturi fuq xoghol ta' 'software', debitament mahdum u kkonsenjat fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut, u li baqa' ma thallasx lill-atturi. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Lulju 2004, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju enumerat, 2057/04 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Sara Grech Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha taghti xejn lill-atturi u dan peress illi ghax-xoghol illi effettivament ghamlu l-atturi jew nies imqabbdin minnhom fuq is-sistema ta’ kompjuters tas-socjeta’ konvenuta, dawn gew imhallsin a saldu.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2005 fejn innominat lil Martin Bajada bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-atturi wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat ir-rapport ipprezentat mit-tekniku fuq imsemmi fis-17 ta’ Marzu, 2006 u mahluf fit-2 ta’ Mejju 2006.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ konvenuta kienet inkarigat lill-atturi sabiex ifornulha sistema sofistikata komputerizzata sabiex is-socjeta’ konvenuta tkun tista’ taccedi mal-branches kollha li ghandha madwar Malta u Ghawdex, dan kien jinvolvi hamsa u ghoxrin (25) user. Inqala disgwid bejn il-partijiet u x-xoghol ma giex kompletat u sakemm ezaminah l-espert tekniku nominat mill-Qorti kien possibli biss illi jsir access ghal hames users, u dana b’limitazzjonijiet kbar.

It-tekniku fix-xhieda li ta quddiem din il-Qorti jghid li s-sistema baqghet ma ffunzjonatx. Meta dahal bhala tekniku ma sab xejn, lanqas is-cds originali ghad illi kien ircieva kopja taghhom. Il-hard disk fejn allegatament kien installat is-software gie *“reformated”.* Ighid li ma kien hemm xejn hazin fis-sistema li kienet ser tigi progettata kieku din saret fl-intier taghha, pero’ minhabba d-disgwid li kien

hemm, il-progett ma giex kompletat u waqaf fejn waqaf. Jaf illi s-socjeta' konvenuta hallset akkont fl-ammont ta' elf u mitejn lira (Lm1,200) li skond l-istess tekniku kien bizzejjed biex ikopri l-istadju tax-xoghol illi sar mill-atturi. Jkompli jghid *"jiena ghamilt l-istejjem tieghi u kif ghidt illi f'dak l-istadju illi waqaf jidhirli li l-ammont li kienu halsu s-socjeta' konvenuta bhala akkont kien ikopri dak is-servizz."*

Dana pero' jidher li huwa differenti minn konkluzzjonijiet li ghamel l-istess tekniku fir-relazzjoni li pprezenta quddiem din il-Qorti. Fil-paragrafu 6 bullet 5 ighid: *"illi l-progett kollu kellu l-valur ta' Lm4,136.96. Minn dan kollu sar xoghol fl-ammont ta' Lm1,841 u fuq il-progett thallas depozitu ta' Lm1,025. Skond dawn il-kalkoli fadal bilanc favur l-atturi ghax-xoghol li effettivament wettqu fl-ammont ta' Lm816."*

Hawnhekk tqum il-kwistjoni jekk l-atturi humiex intitolati jiehdu xi kumpens ghal parti mix-xoghol illi huma wettqu fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tibda bil-principju illi kulhadd ghandu dritt jithallas ghax-xoghol illi ghamel, pero' dana jrid ikun korroborat bil-garanziji statutorji u li jkun gie mwettaq skond l-arti u s-sengha. F'dan il-kaz minkejja illi x-xoghol beda u jidher illi sar il-qafas fuq x'hiex il-programmi setghu jsiru, dana ma kienx bizzejjed. F'pagna 8 tar-relazzjoni tieghu t-tekniku jghid *"ix-xoghol li sar fuq din il-parti (il-qafas) ma kienx bizzejjed li jissodisfa lill-konvenut u ma kienx bizzejjed biex ikun hemm qafas sodisfacenti biex il-programm finali jibda jithaddem."* Ghalhekk jidher illi x-xoghol illi effettivament twettaq mill-atturi ma kienx skond l-arti u s-sengha.

Fil-kawza <u>Lino Borg vs Anthony u Alice konjugi Buttigieg de Piro</u> deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 1995 il-Qorti qalet illi *"appaltatur mhux intitolat ghal ebda kumpens sakemm ma jottemprax ruhu mal-ftehim ta' l-appalt, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti skond il-ftehim."* F'dak il-kaz il-Qorti affermat ukoll illi l-

appaltatur ma kienx intitolat lanqas ghal xi parti mill-prezz tax-xoghol li ghamel u dan kemm ghar-raguni li l-konvenuti ma kienux obbligati li jhallsu xejn qabel jigi esegwit l-appalt skond il-ftehim, kif ukoll ghaliex kien gie pruvat li l-ebda parti mill-appalt ma sar skond l-arti u s-sengha.(ara wkoll George Tabone noe vs Fillina Tatiana et deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 2002). F'sentenza ohra deciza mill-Prim Awla fl-ismijiet Sciberras vs Montebello fit-28 ta' Frar 2003 il-Qorti qalet *"hija intempestiva l-azzjoni ghal hlas ta' appalt meta x-xoghol fuq dak l-appalt ma jkunx gie esegwit sewwa (Vol XLVII pt i pg 650) jew ix-xoghol ma jkunx tlesta kollu (Vol XLIV pt ii pg 574)".* Fuq l-iskorta ta' dan it-taghlim ghalhekk il-Qorti ma jidhirliex li l-atturi huma gustifikati illi jitolbu l-hlas ta' appalt illi ma giex kompletat u di piu l-ftit li sar ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------